Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,482, 11 ta' Settembru, 2020
Taqsima B

A.L. 367 tal-2020

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
(KAP. 549)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, bi ftehim mal-Ministru għal Għawdex u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 549.42.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "għasfur" u "għasafar" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

" "għasfur" tfisser kwalunkwe speċi ta' avifawna li tinsab fis-selvaġġ b'mod naturali fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-Grenlandja.";

(b) it-tifsira "għasfur imrobbi fil-magħluq" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

" "għasfur imrobbi fil-magħluq" tfisser għasfur li faqqas u trabba minn ġenituri miksuba skont il-liġi f'ambjent ikkontrollat mill-bniedem u li:

(a) fil-każ ta' għasfur tat-territorju Ewropew imlibbes ċurkett magħluq jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tkun sodisfatta li l-karatteristiċi fiżiċi jew l-imġieba tal-għasfur ma jippermettux l-użu ta' ċurkett magħluq, għandu mikroċippa *transponder* numerata b'mod uniku, li ma tistax tiġi mibdula u li hi konformi mal-istandards

ISO 11784: 1996 (E) u 11785: 1996 (E);

(b) fil-każ ta’ għasfur li mhux tat-territorju Ewropew li jappartjeni għall-kwalunkwe mill-ispeċi elenkati fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, huwa immarkat skont l-Artikolu 66 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta’ Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, u skont kwalunkwe rekwiżit ieħor applikabbli skont ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta’ Fawna u Flora;";

(ċ) it-tifsira "ċurkett magħluq" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

" "ċurkett magħluq" tfisser ċurkett tas-sieq magħluq mingħajr saldatura f’ċirku kontinwu, mingħajr ebda qsim jew tgħaqqid, li ma kienx imbagħbas b’xi mod, li hu ta’ daqs xieraq għall-ispeċi kkonċernata u li jkun ġie manifatturat kummerċjalment għal dan il-għan u għall-ispeċi kkonċernata, u li ma jistax jitneħħa minn għasfur meta siequ tkun kibret għal kollox wara li jkun ġie applikat fl-ewwel ġranet tal-ħajja tal-għasfur:

Iżda meta ċurkett li jkun ikbar mid-daqs xieraq għall-ispeċi kkonċernata ma jkunx jista’ jitneħħa minħabba xi nefħa f’sieq l-għasfur jew xi kundizzjoni oħra f’sieq l-għasfur li teħtieġ trattament mediku, dak l-għasfur m’għandux jitqies bħala għasfur imrobbi fil-magħluq;";

(d) minnufih wara t-tifsira "persuna bil-liċenza", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna li tlibbes ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar" tfisser persuna li għandha liċenzja maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi sabiex twettaq attivitajiet ta’ tqegħid ta’ ċrieket xjentifiċi u *geo-tagging* fuq l-għasafar skont ir-regolament 23;"

(e) minnufih wara t-tifsira "tieħu" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "tqegħid ta’ ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar" tfisser

metodu ta' riċerka bbażat fuq l-immarkar individwali ta' għasafar selvaġġi bil-ħsieb li jipprovdi informazzjoni dwar ir-rati ta' sopravivenza tal-ispeċi, migrazzjoni, iċ-ċaqliq u l-mod ta' kif jitferrxu, id-dinamika tal-popolazzjoni u l-proċessi ekoloġiċi għal skopijiet ta' konservazzjoni, li jinvolvi:

(a) it-teħid u l-immaniġġjar ta' għasafar selvaġġi bl-użu ta' xbieki u/jew tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar;

(b) it-tqegħid fuq għasfur selvaġġ ta' ċurkett xjentifiku li jkun immarkat b'mod uniku li jippermetti l-identifikazzjoni individwali u/jew it-tqegħid ta' *geo-tag* sabiex jirrekordja l-movimenti preċiżi tiegħu;

(ċ) it-teħid ta' diversi qisien bijometriċi u morfometriċi bħal daqs, piż, il-kondizzjoni tal-ħrif tar-rix u indikazzjonijiet ta' età u sess tal-kampjun;

(d) l-irreġistrar tan-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċurkett xjentifiku u l-informazzjoni bijomettrika permezz ta' *database* xjentifika speċjali aċċessibbli għall-persuni li jlibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar u riċerkaturi f'reġjuni jew pajjiżi oħrajn; u

(e) ir-rilaxx immedjat lura fis-selvaġġ tal-għasafar maqbuda wara li jittieħdu l-qisien neċessarji u t-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi u/jew it-tqegħid ta' *geo-tags*, jew wara li titniżżel l-informazzjoni neċessarja mill-kampjuni ta' għasafar li jkunu diġa imlibbsa ċurkett xjentifiku u/jew *geo-tag*;"; u

(f) fit-tifsira "sit minn fejn isir l-insib" il-kliem "m'għandhiex aktar minn żewġ (2) stazzjonijiet minn fejn isir l-insib għal kull liċenzja;", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma għandhiex aktar minn stazzjon wieħed (1) minn fejn isir l-insib għal kull liċenza;".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (e) tas-subregolament (1) tar-regolament 4, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) tkun fil-pussess jew ikollha fil-kontroll tagħha jew iżżomm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II u/jew ta' xi għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, sakemm ma jġibx prova li dak l-għasfur:

(i) ikun ġie ddikkjarat mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha, sal-31 ta' Mejju 2003 u dik il-persuna qiegħda fil-pussess tal-permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21; jew

(ii) ikun ġie importat legalment skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b); jew

(iii) ikun ġie meħud fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-teħid tiegħu saret skont il-liġi jew ikun ġie b'xi mod ieħor akkwistat b'mod legali skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru; jew

(iv) ikun imrobbi fil-magħluq:

Iżda dik il-persuna għandha żżomm fil-pussess tagħha u għall-perjodu kollu li hija tibqa' fil-pussess tal-kampjun kif previst fil-paragrafu (e), il-liċenzi, permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li dawk il-kampjuni ma kinux miksuba kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll ir-restrizzjonijiet misjuba fil-paragrafu (e) ma għandhomx japplikaw fejn il-persuna fil-pussess tal-kampjun hija d-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew kull persuna oħra awtorizzata mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji u fejn dan il-pussess huwa meħtieġ għar-rijabilitazzjoni, trattamenti veterinarji jew oħrajn, jew it-tnaqqis tan-numru tal-kampjun għar-raġunijiet veterinarji.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali il-kliem "Iżda l-projbizzjoni tas-subregolament (1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispozizzjonijiet tar-regolament 23(2)(f)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda l-projbizzjoni tas-subregolament (1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 23(2)(f):"; u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda wkoll il-projbizzjoni fil-paragrafu (d) li tirreferi għal

apparat elettriku jew elettroniku ma għandhiex tapplika għal *decoys* ta' għasafar artifiċjali li jaħdmu bil-batterija/i inklużi *motorised rotating decoys, flapping decoys* u dawk li jimitaw il-moviment tal-għasfur, inkluż it-titjira:

Iżda wkoll id-*decoys* ta' għasafar artifiċjali ma għandhomx jinkludu jew jinkorporaw fihom jew magħhom kwalunkwe tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar jew kwalunkwe metodu ieħor ipprojbit taħt dan ir-regolament.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "bi xbieki tradizzjonali magħrufin bħala *clap-nets* bil-għan esklużiv li jinżammu għat-trobbija," għandhom jiġu mħassra;

(b) fit-tieni proviso tas-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "m'għandhiex aktar minn żewġ (2) stazzjonijiet minn fejn isir l-insib għal kull persuna li għandha l-liċenza,", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma għandhiex aktar minn stazzjon wieħed (1) minn fejn isir l-insib għal kull persuna li għandha l-liċenza,"; u

(ċ) it-tielet proviso tas-subregolament (2) tiegħu, għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż tas-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "and after the live-capturing station(s) have been approved by the Wild Birds Regulation Unit." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "and after the live-capturing station has been approved by the Wild Birds Regulation Unit."; u

(b) is-subregolament 5 tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(5) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tista' toħroġ il-liċenzi ġenerali li ġejjin skont dawn ir-regolamenti:

(a) il-liċenza ġenerali għall-kaċċa minn fuq l-art;

(b) il-liċenza ġenerali għall-kaċċa minn fuq il-baħar;

(ċ) il-liċenza ġenerali għat-teħid (insib) tal-għasafar:

Iżda li, l-ebda liċenza ġenerali għall-kaċċa u, jew għat-teħid (insib) tal-għasafar ma tkun valida sakemm il-persuna li għandha l-liċenza ġenerali ma tkunx ġeddet is-sħubija tagħha ma' organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni bil-liċenza għall-kaċċa u, jew għat-teħid tal-għasafar u, għal dan il-għan, l-organizzazzjoni għandha tittimbra il-ktejjeb tas-sħubija li jinħareġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u toħroġ kard tas-sħubija għal dik is-sena li fiha l-persuna liċenzjata ser tipprattika l-kaċċa u, jew it-teħid tal-għasafar:

Iżda wkoll li, fil-każ tal-kaċċa, l-ebda liċenza ġenerali għall-kaċċa ma għandha tkun valida sakemm il-persuna li għandha l-liċenza ġenerali ma tkunx ħallset ukoll polza tal-assigurazzjoni kontra riskji ta' partijiet terzi għal persuni jew ħsara fuq proprjetà, u ħallset il-permessi kollha relevanti tal-Pulizija għall-ġarr ta' arma tan-nar għall-kaċċa tal-għasafar għal dik is-sena li fiha il-persuna liċenzjata għandha tipprattika il-kaċċa.".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja xi għasfur, jew iġġorr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-għata tagħha:

Iżda, kemm waqt l-istaġun miftuħ u waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, awtorizzazzjoni għall-kaċċa ta' għasafar imrobbija fil-magħluq għal skop ta' taħriġ tal-klieb tal-kaċċa, tista' tingħata wara li tiġi sottomessa lill- u approvata applikazzjoni għal dan il-għan mit-Taqsima għar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-istess awtorizzazzjoni li, fost oħrajn, għandhom jinkludu:

(i) projbizzjoni fuq sparar minnufih malli jiġu rilaxxati l-għasafar;

(ii) projbizzjoni fuq l-użu ta' metodu magħruf

bħala "tal-kaxxa" jew kwalunkwe metodu ieħor li jwassal sabiex malli l-għasafar jinħelsu jisparaw fuqhom immedjatament, hekk kif projbit skont ir-regolament 20(b);

(iii) obbligu li tiġi sottomessa lista tal-parteċipanti sa mhux aktar tard minn jumejn (2) ta' ħidma wara li tispiċċa l-attività ta' taħriġ, liema lista għandha tindika l-isem, kunjom u n-numru tal-karta tal-identità ta' kull parteċipant li ħa sehem fl-attività; u

(iv) obbligu li jiġi ddikjarat, sa mhux aktar tard minn jumejn (2) ta' ħidma wara li tispiċċa l-attività, in-numru totali ta' għasafar imrobbija fil-magħluq ta' kull speċi li ġew ikkaċjati waqt l-istess attività:

Iżda wkoll, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk l-għasafar imrobbija fil-magħluq jappartjenu għal speċi fl-ordni 'Galliformes', kif imniżżla fl-Iskeda II u li r-rilaxx ta' summien (*Coturnix coturnix*) imrobbi fil-magħluq għal dan il-għan ma għandux ikun permess waqt ix-xhur ta' Marzu, April u Mejju ta' kull sena:

Iżda wkoll, l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa minn tal-inqas ġimgħatejn (2) qabel l-attività minn organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni liċenzjati sabiex jikkaċċjaw, u għandha tinkludi:

(i) il-permess bil-miktub tas-sid jew tal-kerrej tas-sit fejn ser issir l-attività;

(ii) kopji tal-permessi kollha neċessarji mill-Pulizija u minn kwalunkwe awtorità oħra hekk kif jista' jkun mitlub taħt liġijiet jew regolamenti oħra applikabbli;

(iii) id-dati u l-ħinijiet meta l-attività hija proposta li ssir;

(iv) is-sit fejn ser issir l-attivittà immarkat b'mod ċar fuq mappa A4;

(v) dettalji dwar l-ispeċi u l-ammont ta' għasafar imrobbija fil-magħluq minn kull speċi li ser jiġu rilaxxati; u

(vi) ċertifikat tas-saħħa minn veterinarju liċenzjat li jikkonferma li l-kampjuni huma f'saħħithom u mingħajr parassiti jew mard;";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "jew xi waħda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew xi waħda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII u f'medda ta' 50 metru mid-delineazzjoni tagħhom,"; u

(ċ) fil-verżjoni bl-Ingliż, fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tiegħu, il-kelma "licenced" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "licensed".

Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fil-verżjoni bl-Ingliż fil-paragrafu (b) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali, qabel il-kliem "on their release." għandha tiżdied il-kelma "immediately".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel proviso tas-subregolament (1) tiegħu, għandu jiġi mħassar;

(b) it-tieni proviso tas-subregolament (1) tiegħu għandu jsir l-ewwel proviso u l-kelma "wkoll" għandha tiġi mħassra; u

(ċ) fil-paragrafu (i) tas-subregolament (2)(a) tiegħu, il-kliem "jew fl-Iskeda III" għandhom jiġu mħassra.

Jissostitwixxi r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi.

23. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 4(1)(a) u 4(1)(e), persuni li jlibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar jistgħu jaqbdu kwalunkwe għasfur għall-finijiet ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi u/jew ta' tqegħid ta' *geo-tags*.

(2) Persuni li jlibbsu ċrieket xjentifiċi jistgħu jaqbdu l-għasafar biss skont dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ebda persuna ma għandha tagħmilha ta' persuna li tlibbes ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar mingħajr ma jkollha liċenzja mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi maħruġa lilha skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) ebda persuna ħlief persuna liċenzjata sabiex tlibbes ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar ma għandha taqbad xi għasfur għal skopijiet ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi;

(ċ) persuni li jlibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar ma għandhom jaqbdu l-ebda għasfur mis-selvaġġ għall-ebda skop ieħor ħlief għall-finijiet ta' riċerka;

(d) persuna li tlibbes ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar għandha tuża biss ċrieket approvati għal dan il-għan minn skema ta' tqegħid taċ-ċrieket f'saqajn l-għasafar aċċettata mill-EURING – L-Unjoni Ewropea għat-Tqegħid taċ-Ċrieket f'Saqajn l-Għasafar;

(e) persuna li tlibbes ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar tista' taqbad kwalunkwe għasfur għall-finijiet ta' riċerka f'kull ħin matul is-sena u f'kull sit:

Iżda s-siti minn fejn se jiġi pprattikat it-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi u t-tqegħid ta' *geo-tags* fuq l-għasafar għandhom ikunu pre-notifikati lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-għasafar Selvaġġi skont ir-regolament 23(3)(ċ);

(f) mingħajr preġudizzju għar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti u minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 7(1)(d) u (e), persuna li tlibbes ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar tista', meta tieħu għasfur esklussivament għal skop ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar, tuża xbieki u tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar;

(g) persuna li tlibbes ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar għandha minnufih tirrilaxxa fis-selvaġġ l-għasafar maqbuda wara li jkun ittieħed il-kejl meħtieġ u jkunu tlibbsu ċ-ċrieket xjentifiċi u/jew *geo-tags*, jew wara li titniżżel l-informazzjoni neċessarja miċ-ċrieket xjentifiċi u/jew *geo-tags* fil-każ ta' kampjuni ta' għasafar li jerġgħu jinqabdu wara li jkun tlibbsilhom ċurkett xjentifiku jew *geo-tag*;

(h) persuni li jlibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar li għandhom ukoll liċenza għall-kaċċa ma jistgħux jipprattikaw attivitajiet ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar fl-istess ħin li jkunu qed jipprattikaw il-kaċċa.

(3) Sabiex ikun eliġibbli għal-liċenza msemmija fis-subregolament 23(2)(a) applikant għandu, sad-data tal-applikazzjoni:

(a) ikun kiseb ċertifikat ta' taħriġ minn skema ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi f'saqajn l-għasafar li hija aċċettata mill-EURING, liema ċertifikat ta' taħriġ jingħata wara li l-applikant ikun temm b'suċċess it-taħriġ meħtieġ u jkun kiseb esperjenza fuq il-post ma' *trainer* ikkwalifikat li diġà għandu liċenza għat-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi f'saqajn l-għasafar;

(b) ikollu l-approvazzjoni għal liċenza minn skema ta' tqegħid taċ-ċrieket f'saqajn l-għasafar aċċettata mill-EURING; u

(ċ) jissottometti lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi pjanti A4 li juru l-konfini preċiżi mmarkati b'inka ħamra tas-siti fejn huwa intiż li jsir it-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi u t-tqegħid ta' *geo-tags* fuq l-għasafar.

(4) L-iskema ta' tqegħid taċ-ċrieket f'saqajn l-għasafar aċċettata mill-EURING għandha, fuq bażi annwali u mhux aktar tard mill-ewwel ġurnata ta' Frar ta' kull sena, tissottometti lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, rapport bil-miktub dwar l-attivitajiet tat-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi u t-tqegħid ta' *geo-tags* fuq l-għasafar imwettqa matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ġej:

(a) in-numru ta' għasafar għal kull speċi li jkun tlibbsilhom ċurkett xjentifiku u/jew *geo-tag* waqt is-sena li qed tiġi rrapportata; u

(b) kwalunkwe informazzjoni oħra dwar l-attivitajiet ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi u ta' tqegħid ta' *geo-tags* fuq l-għasafar kif jista' jkun meħtieġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.".

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Ħlief kif provdut fir-regolament 23(2)(d)," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ħlief kif provdut fir-regolament 23,".

Jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

12. Fis-subregolament (2) tar-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4, 6, 18, 19, 21 u 24 tista' teħel:" għandhom jiġu sostitwiti bl-kliem "Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4, 6, 18, 19, 21, 23 u 24 tista' teħel:".

13. Fl-Iskeda IV tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "bis-sistema ta' rappurtar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "kif". Jemenda l-Iskeda IV tar-regolamenti prinċipali.